MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' April, 2008

Talba Numru. 40/2006

**Mario Galea**

**-vs-**

**Francis u Maria konjugi Cardona u b'digriet tal-25 ta` April 2007 Dr Chris Said gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefer Victor Knill Harding.**

**Seduta tas-17 ta` April 2008**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta` mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) oltre l-ispejjez ta` dawn il-proceduri inkluzi dawk ta` ittri interpellatorji tal-20 ta` April u 3 ta` Mejju 2006 rapprezentanti spejjez ta` impjant tal-arja kondizjonata u installazzjoni tieghu liema installazzajoni saret fil-fond 53 Triq Palma, Rabat Ghawdex proprjeta`

tal-konjugi Cardona fuq struzzjonijiet tieghek Victor Knill Harding, u liema impjant qieghed prezentement jintuza` a` beneficcju tal-konjugi Harding, kif ukoll interessi fuq din is-somma mid-data tal-installazzjoni tal-impjant sad-data tal-effettiv pagament u liema ammonti intom qieghdin tirrifjutaw li thallsu minkejja d-diversi interpellazjonijiet li saru lilkom mill-attur Mario Galea.

Sussidjarjament, qieghed jintalab illi jekk il-konjugi Cardona ma jridux ihallsu ghal dan l-*air-conditioning system*, l-esponenti jigi awtorizzat li jaqla u jirrimwovi dan l-*air-conditioning system* u jiehdu; filwaqt illi Cardona jigu kkundannati biss jhallsu kumpens gust ghall-uzu tal-istess *air-conditioning systems* fil-frattemp.

Ra r-risposta tal-konjugi Cardona li biha wiegbu illi huma qatt ma ordnaw jew xtraw minghand l-attur ebda apparat tal-arja kondizzjonata. Illi kien il-konvenut l-iehor Victor Knill Harding li kien xtara dan l-apparat ghall-hanut li dak iz-zmien huwa kien kera minghand l-eccipjenti. Illi l-imsemmi Victor Knill Harding harab mill-pajjiz u lanqas lill-eccipjenti ma kien hallas tal-kera u kien hallilhom hafna hsara fil-hanut. Illi l-eccipjenti m’ghandhom l-ebda responsabbilta ghall-hlas tad-djun li ghamel l-imsemmi Victor Knill Harding kemm huwa dam hawn Malta, inkluzi dejn pretiz mill-attur.

Ra r-risposta ta` Dr Chris Said bhala fil-vesti tieghu ta` kuratur tal-imsemmi Victor Knill Harding li biha wiegeb li huwa m’huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba.

Sema` x-xhieda ta` Mario Galea u Maria Cardona.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Jean Paul Grech ghall-attur u Dr Rachel Loporto Montebello ghall-konvenuti Cardona.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta minghajr dubju illi l-attur installa *air-conditioner* gdid fuq talba ta` Victor Knill Harding fil-hanut imsemmi fl-Avviz fi Triq Palma, Rabat Ghawdex u dan f'Gunju tas-sena 2005. Il-prezz kien ta` mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) li ghadu ma thallasx. M'huwiex dubitat u lanqas ma huwa kontestat illi dan l-ammont ghadu dovut u ghalhekk, fil-konfront tat-talba tal-attur relattiva ghal Victor Knill Harding, it-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha.

Il-vera kwistjoni f'din il-kawza hija jekk il-konvenuti Cardona humiex ukoll b'xi mod responsabbli ghall-hlas ta` ammont lill-attur in vista tal-fatt illi l-*air-conditioner* baqa` fil-hanut taghhom.

Mill-provi jirrizulta lil dan it-Tribunal illi l-konvenut Victor Knill Harding kien kera l-hanut in kwistjoni minghand il-konvenuti Cardona ghall-perjodu ta` sena u cioe` minn Frar 2005 sa Frar 2006. Meta ghalqet il-kirja fi Frar 2006 il-konvenut Victor Knill Harding telaq, ha l-affarijiet tieghu mill-hanut tieghu inkiss inkiss u spicca biex harab minn Ghawdex u ma hallasx la lill-attur ghall-prezz tal-*air-conditioner* u lanqas lill-konvenuti ghall-bilanc tal-kera li kienet dovuta u lanqas ma ghamel tajjeb ghal xi danni li allegatament halla fil-hanut. Illi ghalhekk kemm l-attur u kif ukoll il-konvenuti sofrew minhabba l-agir fuq imsemmi tal-imsemmi Victor Knill Harding.

L-attur intenta, wara li nduna li Victor Knill Harding kien telaq mill-pajjiz, li jipprova jiehu lura l-*air-conditioner* izda l-atturi zammewh milli jaghmel hekk u kien proprju ghalhekk li l-attur dahhal lill-konvenuti Cardona f'din il-kawza. Certament l-attur m'ghandux relazzjoni guridika kontrattwali mal-konvenuti Cardona u inoltre, galadarba l-kuntratt ta` appalt gie sodisfatt minn naha tal-attur, il-proprjeta` tal-*air-conditioner* ghaddha favur Victor Knill Harding.

Illi stabbilit il-premess u billi jirrizulta li l-*air-conditioning unit* jinsab fil-pussess tal-konvenuti Cardona, wiehed irid jara jekk, fil-vesti taghhom ta` terzi fil-pussess ta` oggett mobbli li gie mibjugh u li tieghu ma thallasx il-prezz,

jistghux jigu tenuti jhallsu huma l-istess prezz. Certament skond il-ligi, sid il-kera ghandu privilegg *invectis et inlata* fuq l-oggetti kollha li jhalli l-inkwilin gol-post, anke jekk dawn l-oggetti ma jkunux imhallsa. Vide ‘Commander Edward Hamilton Hill vs Negozjant Joseph E Coleiro’ Appell Civili tal-5 ta` April 1965.

B’danakollu, sabiex jigi ezercitat dan il-privilegg huwa mehtieg li jsir mandat ta` qbid u b’rizultat ta` dak il-mandat ta` qbid sid il-kera jkun jista` legalment jirrezisti ghall-isforzi ta` sid tal-istess oggetti li jehodhom lura. B’danakollu, f’din il-kawza ma jirrizultax illi l-konvenuti Cardona ipprocedew biex istitwew proceduri kontra Victor Knill Harding jew jaghmlu mandat ta` qbid u ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi tali dritt ta` retenzjoni ma japplikax fil-kaz tal-konjugi Cardona.

B’danakollu pero` stante li l-prezz kollhu ma thallasx, a` tenur tal-Artikolu 2009 (d) l-attur ghandu privilegg fuq l-*air-conditioner* in kwistjoni, liema privilegg jissussisti anke fil-konfront tat-terzi li jkunu fil-pussess tal-istess oggett u dan billi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenuti bhala terzi fil-pussess huma obbligati jirrikonoxxu tali privilegg.

Meta Victor Knill Harding telaq ‘l hemm ha dak li ried u ghalhekk wiehed jista jippresumi li ma kienx iktar qed jivvanta drittijiet fuq l-air conditioner. Ma kienx hemm ftehim espress bejnhu u l-konvenuti Cardona izda mill-attitudni tal-konjugi Cardona li rrezistew l-isforzi tal-attur li jiehu lura l-*air-conditioner* mill-banda ‘l wahda u l-fatt li Knill Harding telaq ‘l hemm u halla l-air conditioner fil-post it-Tribunal jifhem li kien hemm ftehim tacitu li l-*air-conditioner*, bhala *fixture* imwahhal mal-post, ghadda fil-proprjeta` tal-konvenuti Cardona. Certament huma agixxew bhala sidien tal-*air-conditioner* minn dak il-mument ‘l quddiem billi anke krew l-hanut lill-terzi bhala ghandu bl-arja kondizzjonata u baqghu juzufruwixxu mill-istess *air-conditioner* ghal dawn l-ahhar sentejn.

Huwa ghalhekk gust u ekwu illi l-konvenuti jigu tenuti responsabbli biex ihallsu xi forma ta’ kumpens ghal dan l-air conditioner u t-Tribunal ihoss li dan il-kumpens ghandu

jkun ekwivalenti ghal kemm kien jiswa l-*air-conditioner unit* fid-data li l-konvenuti Cardona hadu l-pussess tieghu u dan fuq bazi ta` ekwita, *arbitrio et bono viri*.

L-*air-conditioner unit* kien gie installat bil-prezz ta` Lm270 f'Gunju 2005 izda ghaddha f'idejn il-konvenuti Cardona fi Frar 2006. Illi ghalhekk f'dak il-mument l-*air-conditioner* kien uzat u certament wiehed ma jistghax jippretendi li f'dak il-mument l-*air-conditioner* kellhu l-valur ta` *air-conditioner* gdid u ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-valur tal-*air-conditioner* f'dak il-mument ghandu jkun vicin in-nofs tal-prezz li l-attur kien qed jezigi u ghadu jezigi minghand il-konvenut Knill Harding u cioe` fl-ammont ta` tlett mitt Euro (€300) li huma ekwivalenti ghal mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm128.79c).

Dwar l-interessi, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-interessi ghandhom jiddekorru minn Frar 2006 li hija d-data meta l-imsemmi *air-conditioner* ghaddha fil-pussess tal-konvenuti Cardona.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` in parte t-talbiet tal-attur u konsegwentement:

i. jikkundanna lil Victor Knill Harding kif hawn fuq rapprezentat sabiex ihallas is-somma ta` sitt mija u tmienja u ghoxrin Euro u tlieta u disghin centezmu (€628.93) li huma ekwivalenti ghal mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) u inoltre

ii. jikkundanna lill-konvenuti Cardona sabiex, mill-imsemmija somma ta` sitt mija u tmienja u ghoxrin Euro u tlieta u disghin centezmu (€628.93) li huma ekwivalenti ghal mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270), ihallsu s-somma ta` tlett mitt Euro (€300) li huma ekwivalenti ghal mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm128.79c) lill-attur biex b'hekk, jekk u meta l-konvenuti Cardona jhallsu lil-attur, tali somma titnaqqas minn dak dovut mil-konvenut Knill Harding.

iii. L-interessi jibdew jiddekorru mill-1 ta` Frar 2006 sad-data ta` pagament effettiv.

iv. Ghar-rigward tal-ispejjez tal-kawza, dawk tal-attur u tal-konvenut Victor Knill Harding jithallsu mill-konvenut

Victor Knill Harding.  Ghar-rigward ta` dawk relattivi ghall-konvenuti Cardona, dawn jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------